**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 15 ta` Novembru, 2017**

**Talba Nru: 10/2017PA**

**XS Marine Limited**

**vs**

**Martin Cassano**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-10 ta` Jannar 2017 li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi ppremettiet li f'Awissu 2015, hija għamlet xogħlijiet relatati mal-elettriku fuq *generator*[1] ta` dgħajsa proprjeta` tal-konvenut, fuq struzzjoni tal-istess konvenut; li l-konvenut naqas li jħallas dak kollu dovut minnu għall-appalt prestat lilu; li l-konvenut għamel pagament parzjali ta` erba' mija u ħamsin Ewro (€450); u baqagħlu jħallasha s-somma ta` tlett mija u tmintax-il Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€318.48ċ); u li l-konvenut baqa' inadempjenti minkejja li ġie interpellat uffiċjalment, u saħansitra ċaħad li baqagħlu jħallas. Is-soċjeta` attriċi għalhekk talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas s-somma msemmija, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta` Settembru 2016, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas.

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa (i) in linea preliminari, mhuwiex minnu li s-soċjeta` attriċi għamlet xogħol tal-elettriku fuq dgħajsa proprjeta` tal-konvenut, u għalhekk m'hemmx relazzjoni ġuridika, riżultanti mit-talba tas-soċjeta` attriċi, *ratione materiae*; (ii) mingħajr preġudizzju, il-konvenut kien inkariġa lis-soċjeta` attriċi sabiex tipprovdilu xi *parts* għal *generator*, u dan li wkoll iwaħħal il-*wires* fuq l-istess, u s-soċjeta` attriċi tatu stima ta` mhux iżjed minn tlett mitt Ewro (€300); (iii) li filfatt, il-konvenut ħallas lis-soċjeta` attriċi erba' mija u ħamsin Ewro (€450), u insista li l-kont finali żġur li ma kellux jaqbeż is-somma ta` ħames mitt Ewro (€500), fil-fatt il-*generator* ma kienx funzjonanti kif miftiehem. Għalhekk is-soċjeta` attriċi ma hija dovuta l-ebda bilanċ.

Ra l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet, u sema' x-xiehda.

Ra n-noti ta` sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Ikkunsidra li:

**James Xuereb**, *technical director* tas-soċjeta` attriċi, xehed[2] li din il-kumpanija tirrapreżenta f'Malta ditta estera li tagħmel *generators* tal-baħar, tal-art, u tal-militar. Qal li l-konvenut xtara *generator second hand*, u pprova jħaddmu hu pero` ma rnexxielux. Qal li ntalab mill-konvenut biex imur jara dan il-*generator*, li mill-verifiki li għamel sab li kien tal-baħar, u nduna li kellu l-*wires* f'kundizzjoni ħażina. Qal li waqt li kien qed jipprova jirranġa l-*wires*, kien issuġġerixxa lill-konvenut li jixtri *harness* ġdid, li kienet tipprovdiha s-soċjeta` attriċi stess, u tah stima tagħha. Il-konvenut aċċetta, u s-soċjeta` attriċi ordnathielu mill-Ġermanja.  Billi l-*generator* tal-konvenut kellu aktar minn għaxar snin, barra l-*harness* kellu bżonn partijiet oħra biex jiġi aġġustat il-*generator* ħalli l-*harness* jaqbel miegħu. Qal li huwa stess kien għarraf b'dan lill-konvenut, u ordnahomlu wkoll. Meta waslu dawn il-partijiet kollha, il-konvenut talbu jmur iwaħħalhomlu. Ix-xhud qal li mar aktar minn darba, u għamel ix-xogħol li wassal biex il-*generator* reġa' ħadem.

---

[1] Ara Digriet tal-Korrezzjoni mogħti fis-7 ta` Marzu 2017
[2] Ara xiehda, 19.04.2017, fol.13 sa 16

Qal li l-konvenut ried iħallsu dak il-ħin stess, pero` hu ma kellux il-kontijiet miegħu. Qal li eventwalment sab problema biex jgħaddilu l-kont, u meta finalment ħalliehulu mat-tifel, il-konvenut ma ħallasx, u mbagħad irrispondieh li ma kien baqagħlu jagħtih xejn. Meta kitiblu bl-avukat, il-konvenut wieġbu li kien baqagħlu jagħtih biss xi €50.

In kontro-eżami, James Xuereb xehed li l-istima kien taħa huwa stess, fl-uffiċju tas-soċjeta` attriċi, lill-konvenut, u taħielu miktuba. Din kienet ta` €400, oltre l-VAT u l-*freight*. B'kollox, il-konvenut ħallas €450 fit-18 ta` Awissu 2015. Dan kien parti mill-ħlas dovut, u għalhekk ma ħarġitx riċevuta fiskali dwaru. Xuereb ċaħad li kellu ftehim mal-konvenut li l-prezz tal-materjal u x-xogħol kien ser jammonta għal €500, u spjega li meta saret l-ordni lanqas biss kien għadu nkariġah biex jagħmel l-istallazzjoni. Qal li tax-xogħol ta` stallazzjoni s-soċjeta` attriċi titlob ħlas b'rata fissa għal kull siegħa xogħol. B'kollox, Xuereb qal li ta lill-konvenut tmien siegħat xogħol, siegħa xogħol fl-ewwel okkażjoni meta kien għadu qed jipprova jirranġa l-*wires* l-antiki, tlett siegħat xogħol u erba' siegħat xogħol rispettivament, fiż-żewġ okkażjonijiet sussegwenti, meta stalla l-materjali mibjugħa. Xuereb iddikjara li mal-konvenut ma kienx ftiehem fuq ir-rata li biha s-soċjeta` attriċi kienet titħallas tax-xogħol prestat minnha. Il-materjali mibjugħa waslu f'żewġ konsenji, u l-kaxxi infetħu mix-xhud meta l-konvenut ma kienx preżenti. B'kollox, is-soċjeta` attriċi talbet ħlas tax-xogħol fl-ammont ta` €230 għax-xogħol li x-xhud wettaq fit-30 ta` Lulju 2015, fil-31 ta` Awissu 2015, u f'data oħra bejniethom li x-xhud ma kellux informazzjoni dwarha. Il-konvenut ċaħad li meta ftiehem mal-konvenut kien hemm xi terzi preżenti.

Ix-xhud ippreżenta fattura maħruġa mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut datata 18 ta` Awissu 2015[3] li turi bilanċ ta` €318.48ċ favur tagħha, wara li tnaqqas il-ħlas akkont li rċeviet mingħand il-konvenut. Skond din il-fattura, is-soċjeta` attriċi talbet ħlas ta` €100 għas-servizz prestat fit-30 ta` Lulju 2015 għal *'Connected all cables – tested what is ok or not'*, €381.25ċ prezz tal-materjali impurtati u €40 spejjeż tal-ġarr, filwaqt li talbet ħlas ta` €130 għas-servizzi prestati fil-31 ta` Awissu 2015 (*'connected rest of harness and*

---

[3] Fol.25

*fault finding'*). Is-soċjeta` attriċi produċiet ukoll fattura[4] ta` materjali mixtrija minnha mingħand Fischer Panda, fil-Ġermanja, fit-13 ta` Awissu 2015.

Is-soċjeta` attriċi produċiet ukoll kopja tal-korrispondenza legali li għaddiet bejn il-partijiet[5], flimkien mal-ittra uffiċjali intavolata minnha fit-28 ta` Settembru 2016, u n-nota responsiva tal-konvenut li segwietha.[6]

Il-konvenut **Martin Cassano** xehed li kien xtara *generator* skrepjat ta` *superyacht*, tad-ditta Fischer Panda. Qal li huwa ilu 40 sena jaħdem bħala *marine mechanic*, u li dan il-*generator* ħadu fil-garaxx tiegħu għaliex kellu l-magna ssiżjata. Qal ukoll li x'ħin ramah, induna li kellu bżonn *wiring* ġdid, u kien b'hekk li f'Marzu jew April 2015 għamel kuntatt mas-soċjeta` attriċi għaliex kien jaf li kienet l-aġent tal-manifattur f'Malta. Il-konvenut kompla xehed li kien mar fl-uffiċju ta` James Xureb l-Imsida u spjegalu x'kellu bżonn, u mbagħad dan kien mar jara l-*generator* biex jara x'mudell kien. Qal li reġa' mar l-uffiċju ta` Xuereb, u dan taħ stima ta` €340 għall-*wiring* li kellu bżonn u €160 prezz tax-xogħol biex jiġi stallat fil-*generator*. Qal li ftiehmu fuq dak il-prezz, u nsista li lil Xureb qallu li ma kienx lest iħallas aktar minn hekk.

Il-konvenut kompla jixhed li, fil-bidu ta` Mejju 2015, waslu l-materjali, u Xuereb mar għandu b'kaxxa ssiġillata, li fetaħha quddiemu pero` żamm għalih partijiet minnha. Fiha kien hemm *parts* fil-boroż, għamel l-istallazzjoni fi tlett kwarti ta` siegħa, u qallu li kien fadal xi partijiet li ma kinux laħqu waslu. Il-konvenut qal li mar jiġbed €450 mill-ATM tal-bank, biex iżomm €50 bilanċ u jħallas kollox wara li s-soċjeta` attriċi tlesti x-xogħol.

Il-konvenut qal ukoll li, ġimagħtejn wara dik l-okkorrenza, Xuereb reġa' mar għandu biex ilesti x-xogħol, u qallu li l-*generator* kellu problema bl-*alternator*. Qal li qallu li l-*alternator* kien għadu kemm għamlu għaliex induna li Xuereb ried jeħodhulu biex iżid l-ispejjeż. Huwa nsista li, qabel messu Xuereb, l-*alternator* kien jaħdem, pero`

[4] Fol. 26
[5] Fol. 18 sa 20
[6] Fol. 21 sa 22

x'ħin lesta l-wiring, il-*generator* ma ħadimx. Qal li mbagħad ċempel lil ċertu John Mary, li kien għamillu l-*alternator*, li ħadlu *electrician*, u bidillu r-*regulator*. L-*electrician* – ċertu Richard Bartner – qaleb żewġ *wires* li sab imwaħħlin ħażin mal-*harness*, u l-*alternator* ħadem. Il-konvenut qal li, wara dan, kien ċempel lil Xuereb u qallu li l-*alternator* ħadem, u li kienu sabu żewġ *wires* maqlubin milli weħħel hu. Skond il-konvenut, Bartner qallu li l-ħsara ġrat minħabba f'*short circuit* billi l-*wires* kienu tqabbdu ħażin.

Il-konvenut ilmenta li Xuereb kien mar jagħmel ix-xogħol mingħajr manwal, li kellu jipprovdihulu l-konvenut stess, pero` ddikjara li huwa ma kienx induna li Xuereb waħħal il-*wires* ħażin. Fuq domandi tat-Tribunal, il-konvenut qal li l-bilanċ ta` €50 ma ħallsux lis-soċjeta` attriċi minħabba fix-xogħol ħażin, u li lill-*electrician* għadu ma ħallsux.

In kontro-eżami[7], il-konvenut qal li din l-allegazzjoni dwar xogħol ħażin ma semmihiex fl-ittri legali u lanqas fir-Risposta tiegħu f'din il-kawża, għaliex kien ressaqha verbalment lil Xuereb fl-uffiċju tiegħu, u għaliex ma ppretendiex li Xuereb jagħmillu hekk wara għoxrin sena jafu. Fl-istess kontro-eżami, il-konvenut qal li Xuereb kellu jerġa' jmur għandu wara li lesta x-xogħol, minħabba li huwa stess kien talbu jmur jara l-*wiring* wara li jġib l-*alternator* il-ġdid. Fl-istess nifs, pero`, il-konvenut qal li l-ilment fuq li ħaraqlu l-*alternator*, huwa ressqu lil Xuereb bit-telefon, u Xuereb ma weġbux, ma marx jara, imma sempliċement bagħatlu l-kont. Iddikjara wkoll li, qabel ħadimlu fuqu Xuereb, l-*alternator* kien darulu l-*electrician*.

Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenut iddikjara li lis-soċjeta` attriċi m'għamlilhiex kawżi minħabba fix-xogħol ħażin, u lanqas għall-ispejjeż tal-*electrician*.

F'konfront[8] bejn il-konvenut u James Xuereb, mitlub mid-difensur tal-konvenut, Xuereb iddikjara li l-komunikazzjoni bejnu u l-konvenut dwar il-problema fl-*alternator*

[7] Fol. 32
[8] Fol. 32 sa 33

ma kinetx bit-telefon, imma kienu ħdejn xulxin, meta l-konvenut qabbdu bit-telefon mal-*electrician* tiegħu, li nfurmah li l-*alternator* kien immodifikah għaliex ma sabx *parts* tiegħu, u li ddikjaralu li għamel li seta` jagħmel fih. Skond Xuereb, il-problema kienet li kull darba li beda jipprova jqabbad il-*generator,* kien qed jieqaf meta jqabbadlu l-*connector* mal-*alternator*. Fuq il-manwal, Xuereb qal li kien użah l-ewwel biex ordna l-*parts* minħabba li fuqu kien hemm is-*serial number* tal-*generator*, li ma sabux band'oħra. Huwa ċaħad li seta` waħħal il-*connector* mhux f'loku, għaliex qal li dan jista` jitwaħħal biss f'postu. Huwa ċaħad li, wara dik il-komunikazzjoni mal-*electrician*, il-konvenut jew ħaddieħor reġa' kellmu fuq din il-kwistjoni.

Xuereb xehed ukoll li huwa ħadem fuq *harnesses* bħalma kellu l-konvenut, u li dak li ġablu għal dan il-*generator* ma kienx identiku għall-antik li kellu billi kien aktar modern – b'mod partikolari, kien hemm żewġ *connectors* li ma kinux bħal tal-mudell l-antik billi kien għadda ħafna żmien. Biex waħħalhom, talab minn barra modifiki apposta. Iż-żewġ *connectors* u l-modifiki qal li waħħalhom fuq il-*generator* tal-konvenut fit-tieni okkażjoni li mar għandu.

Xuereb ċaħad li l-prezz tal-*parts* kien ta` €340, u wkoll li l-konvenut talbu stima tal-prezz tax-xogħol. Huwa insista li kien ikkonsenjalu l-*parts* issiġillati, meta l-konvenut kien għadu ma nkariġahx biex iwaħħalhulu, imbagħad inkariġah jagħmel dan xi ġranet jew ġimgħat wara. Qal li kkonferma mal-manifattur esteru li l-*parts* oriġinali tal-*alternator* bħalma kellu l-konvenut m'għandhomx isiru.

Skond Xuereb, l-uniku telefonata li kien hemm bejnu u Cassano kien meta Xuereb ċempillu biex iħallas il-kont, u Cassano wieġbu li ma kellu jagħtih xejn għax is-soċjeta` attriċi ma kienet għamlet xejn. Qal li f'dik it-telefonata Cassano ma lmentax miegħu fuq li qaliblu l-*wires,* u li hu nsista ma' Cassano li xogħlu kien għamlu, u li ma kienx għad-difett fl-*alternator,* il-*generator* kien jaħdem.

Il-konvenut ressaq b'xhud tiegħu lil **Raymond Zammit**[9] li ddikjara li jaf lill-konvenut, u li kien ra lil James Xuereb iwaħħal *harness* fuq il-*generator* tal-konvenut, fil-garaxx tal-istess konvenut fl-Imsida. F'dik l-okkażjoni, qal li semagħhom jgħidu li x-xogħol kien kważi lest, imma mhux għal kollox. Qal li sema' lil Xuereb jitlob ħlas ta` €500 lil Cassano, u ra lil Cassano jmur l-ATM tal-HSBC jiġbed il-flus, u jagħti lil Xuereb €450, filwaqt li kellu jagħtih €50 oħra meta jispiċċa x-xogħol.

In kontro-eżami, Zammit qal li huwa wkoll dilettant tad-dgħajjes, u li talbu jixhed f'din il-kawża l-konvenut. Qal li ma jiftakarx id-data jew is-sena tal-okkorrenza li xehed dwarha, għalkemm jiftakar li bħala ħin kienet għal xi t-tlieta u nofs jew l-erbgħa ta` wara nofsinhar.

Xehed ukoll **John Mary Cachia**[10], li qal li jaħdem bħala *electrician* tal-vetturi, u li għandu impjeġat miegħu lil Richard Burton, li jagħmel xogħol ta` *alternators* fuq il-laneċ. Qal li jaf li Burton għamel xogħol fuq l-*alternator* tal-konvenut, u li kien sablu r-*regulator* maħruq, u hu tah direzzjoni biex imur jara fejn kien imwaħħal għaliex issopona li seta` kien hemm xi *wires* maqlubin. Qal li hu kien preżenti meta ġara dan, u li jikkonferma li Richard kien sab *wire* maqlub ġos-*socket*, li teħel fl-*alternator*. Minħabba f'hekk għamlu *regulator* ġdid.

In kontro-eżami[11], Cachia qal li meta ħadmu fuqu l-*alternator* sabuħ f'kundizzjoni tajba, pero` ma jafx jgħid jekk Burton kienx għamel *reconditioning* tiegħu. Qal li lill-konvenut jaħdmulu fuq ħafna *alternators* ta` dgħajjes. Qal li ta` dan ix-xogħol għadu ma tħallasx għaliex il-konvenut qallu li l-ewwel jara kif ser jirranġa u mbagħad iħallashom. Qal li r-*regulator* jiswa €35. Huwa ma ftakarx li qatt tkellem ma' Xuereb, lanqas bit-telefon.

---

[9] Ara xiehda, 12.07.2017, fol.36 sa 37
[10] Ara xiehda, 12.07.2017, fol.38 sa 39
[11] Fol.39

Il-konvenut ressaq ukoll b'xhud tiegħu lil **Richard Burton**[12], li qal li huwa *electrician*, jaħdem fuq *alternators* ta` vapuri u ajruplani, u ilu jagħmel dan ix-xogħol għal 35 sena. Qal li lill-konvenut ħadimlu fuq *alternator* ta` *generator*, li kien sablu r-*regulator* difettuż. Qal li bidillu r-*regulator*, taħulu biex iwaħħlu, pero` qallu biex ma jikkomnikax il-*wiring* ħalli jmur jarahom hu. Qal li r-*regulator* kien maqtugħ minn ġewwa, u meta mar fuq il-lant ma' John Mary Cachia sab li kien hemm plakka li tieħu żewġ *wires*, u li dawn il-*wires* kienu maqlubin, u li b'hekk ġiet li nħaraq ir-*regulator*. Qal li qalibhom u ħadem kollox. Qal li dan ix-xogħol ħadlu ftit minuti. Burton qal li qatt qabel ma kien ħadem fuq l-*alternator*, u li kien sablu r-*regulator* maħruq. Qal ukoll li ma jiftakarx jekk il-konvenut qattx qabbdu jitkellem bit-telefon ma' James Xuereb.

In kontro-eżami[13], Burton qal li l-*alternator* rah *reconditioned*, nadif u li kien juri li ma kienx qed jintuża. Qal li ma jafx min għamillu r-*reconditioning* pero` ċert li ma kienx hu billi x-xogħol tiegħu jagħtih timbru, li dan ma kienx fih. Huwa ċaħad li l-*wiring* jista` jkun maqlub fl-*alternator* billi dan huwa fiss, filwaqt li insista li dan jista` jiġri fil-*harness* billi l-*wiring* isir. Huwa insista fuq din il-posizzjoni meta kien rinfaċċjat bis-suġġeriment li l-*wiring* jista` jinqaleb fl-*alternator* imma mhux fil-*harness*.

In ri-eżami[14], il-konvenut ikkonferma li lis-soċjeta` attriċi ħallasha €450 mill-€500 li talbitu, u baqgħet ma tatux riċevuta tal-ħlas.

Ikkunsidra ulterjorment li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut għall-ħlas tal-bilanċ ta` prezz ta` appalt li tgħid li eżegwiet fuq inkariġu tal-konvenut fuq il-*generator* ta` dgħajsa tiegħu. Il-konvenut jippretendi li m'għandu jħallasha xejn għaliex (i) huwa ma qabbadha tagħmillu ebda xogħol fuq il-*generator*; u (ii) għaliex il-prezz tax-xogħol u l-materjal ma kellux jaqbeż is-somma ta` €500 u huwa diġa' ħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` €450.

[12] 12.07.2017, fol.40 sa 42
[13] Fol.41
[14] Ara xiehda, 27.09.2017, fol.51

Jibda biex jingħad li, sfortunatament, il-partijiet f'din il-kawża naqsu li jistipulaw ċar id-drittijiet u l-obbliġi reċiproċi f'din ir-relazzjoni kuntrattwali ta` bejniethom, u lanqas għenu lit-Tribunal jifhem x'kien eżattament il-ftehim ta` bejniethom, u x'ġara filfatt. Dan qed jingħad għaliex, fil-verżjonijiet tal-fatti mogħtija minn James Xuereb u minn Martin Cassano hemm inkonsistenzi ġravi, u fatti importanti nieqsa minn verżjoni u miżjuda fil-verżjoni jew verżjonijiet sussegwenti. Hekk, fl-ewwel xiehda li ta James Xuereb fl-udjenza tad-19 ta` April 2017 fl-istadju tal-provi tas-soċjeta` attriċi, huwa mkien ma' semma xejn fuq li l-konvenut ħallsu €450 akkont, fatt dan li mbagħad ikkonfermah bl-*invoice* li ppreżenta u li turi dan il-pagament, anzi ta l-impressjoni li l-konvenut ma ħallas xejn. Agħar minn hekk, f'dik l-ewwel xiehda tiegħu, Xuereb qal li wara li mar aktar minn darba jagħmel l-istallazzjoni għand il-konvenut, *'finalment il-generator ħadem'*.[15] Aktar tard, wara li xehed il-konvenut, u meta kien imsejjah f'konfront miegħu, Xuereb qal li *'d-diffikulta` kienet li kull, li kull darba li kont qed nipprova nqabbad il-generator ċioe nistartjaħ kien qed jieqaf kull darba li nqabbadlu din il-connector ma' l-alternator tiegħu'*[16]. L-istess għandu jingħad fuq il-kontenut tal-fatura li ppreżentat is-soċjeta` attriċi. Xuereb ma spjegax ta` liema servizzi s-soċjeta` attriċi qed tippretendi l-ħlas ta` €100 b'rifernza għad-data tat-30 ta` Lulju 2015, meta allura l-*parts* kienu għadhom ma waslux skond ma jirriżulta mill-fattura tal-produttur li eżibixxa huwa stess, u meta skond hu s-soċjeta` attriċi kienet għadha mhix inkarigata biex twettaq xogħlijiet fuq il-*generator* tal-konvenut. Is-soċjeta` attriċi lanqas ressqet l-aħjar prova dwar l-ispiża tal-ġarr.

Bl-istess mod, il-konvenut tul din il-vertenza, minn qabel bdiet din il-kawża, ta verżjonijiet varji, u ximinndaqqiet kontra xulxin, għalxhiex ma ħallasx lis-soċjeta` attriċi s-somma pretiża, jew il-bilanċ ta` €50 li huwa stess jammetti li baqagħlu jagħtiha skond il-ftehim oriġinali milħuq bejnu u x-xhud James Xuereb. It-Tribunal iqis li d-difiża tax-xogħol ħażin li ressaq il-konvenut fil-kors tal-provi, li ma semmieha mkien fil-korrispondenza legali li ppreċediet din il-kawża, u lanqas fir-Risposta tiegħu, kienet sempliċement mod ieħor kif il-konvenut ipprova jasal għall-għan tiegħu li ma jħallasha

---

[15] Fol.14
[16] Fol.33

xejn aktar lis-soċjeta` attriċi. Ir-risposta tal-konvenut li qatt ma semma xejn fuq hekk, għaliex din ir-raġuni taħa verbalment lil James Xuereb, mhix ġustifikazzjoni suffiċjenti. Aktar u aktar meta wieħed iqis li, wara li fil-korrispondenza legali, l-ewwel ammetta li fadallu jħallas €50 fid-29 ta` Frar 2016, imbagħad ċaħad li kien inkariġa lis-soċjeta` attriċi b'appalt fl-1 ta` April 2016, u mbagħad semma l-istess żewġ difiżi fir-Risposta li ressaq għall-Avviż tat-Talba tas-soċjeta` attriċi. It-Tribunal ma jifhimx kif il-konvenut jippretendi li jista` jingħata kredibilita` fuq din id-difiża tiegħu meta mhix kompatibbli mal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, u min-natura tagħha hija tali li tikkuntradiċi dik l-istess eċċezzjoni.

Bl-istess mod, fin-nota ta` sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut addirittura żied u tratta żewġ difiżi ġodda, li ma semmiehomx fir-Risposta tiegħu, u lanqas ressaq provi dwarhom – (i) l-illeġittimita` tal-persuna tas-soċjeta` attriċi biex tipproponi din il-kawża, wara li jallega li din ma teżistix u li x-xhud James Xuereb issuplixxa l-materjal, u eżegwixxa x-xogħol li jgħid li nkariġah iwettaq, f'isem id-ditta XS Marine; u (ii) l-illeċita` tal-kawża tal-obbliġazzjoni billi tinvolvi evażjoni fiskali.

Skont il-liġijiet ta` proċedura ċivili, kif interpretati b'rispett lejn id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq sanċit bl-**art. 39** tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u bl-**art. 6** tal-Konvenżjoni Ewropea, dan it-Tribunal ma jistax jikkunsidra difiżi li jressaq il-konvenut, mingħajr l-awtorizzazzjoni appożita, u mingħajr ma tagħtih jedd il-liġi, fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali wara li l-attur ikun eżawrixxa s-sottomissjonijiet tiegħu, u għalhekk f'punt meta l-attur jispiċċa sprovvist minn opportunita` xierqa li jikkumbatti dawk id-difiżi. Dan jgħodd b'mod partikolari għad-difiża tal-illeġittimita` tal-persuna tas-soċjeta` attriċi, li mhix waħda mill-eċċezzjonijiet li l-Kodiċi ta` Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili jippermetti lit-Tribunal li jqajjem *ex ufficio* minħabba f'ordni pubbliku.

Kwantu għal-lanjanza l-oħra tal-illeċita` tal-kawża tal-obbliġazzjoni li qed tittenta tinforza s-soċjeta` attriċi b'din il-kawża kontra l-konvenut, minħabba n-natura ta` ordni pubbliku tagħha, it-Tribunal ħass li kellu jqisha fid-dawl tal-provi mressqa quddiemu, pero` jidhirlu li għandu jiskartaha bħala tentattiv ieħor minn tal-konvenut biex

jipprova jiżġiċċa mill-obbligu li jħallas. Dana għaliex, kif iddikjara James Xuereb fix-xiehda tiegħu, *'peress li għandna sistema kompjuterizzata aħna ma noħorġux riċevuta fiskali meta jkun sar part payment imma r-riċevuta fiskali noħorġuħa meta l-prezz jitħallas kollu'*[17]. Fuq il-fattura eżibita, hemm indikat in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT ta` XS Marine.

Kwantu għall-provi li ressaq il-konvenut fuq ix-xogħol allegatament ħażin li wettaq James Xuereb fuq il-*generator* tiegħu, u li b'riżultat ta` dak ix-xogħol ħażin huwa inkorra spejjeż – li effettivament ammetta li għadu ma ħallasx sallum minkejja li għaddew snin, it-Tribunal jinnota li James Xuereb f'dak l-istadju ammetta li, minkejja li x-xogħol tiegħu kien kompletat, il-*generator* baqa' ma ħadimx. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ma ppruvax suffiċjentement – fuq bilanċ ta` probabilita` – li l-ħsara li l-*electrician* Burton iddikjara li sab fl-*alternator* kienet dovuta għax-xogħol ħażin li wettaq Xuereb, u dana peress li l-mod kif il-konvenut għażel li ma jgħidx is-sewwa lil Xuereb fuq il-kundizzjoni tal-*alternator*, ma ressaqx provi dwar ir-*reconditioning* tal-*alternator*, u wera nuqqas ta` konsistenza fl-ispjegazzjonijiet li ta dwar x'għadda bejn meta wettaq ix-xogħol Xuereb, u meta Burton mar jistalla l-*alternator* fil-*generator*, ixejjen il-kredibilita` tax-xiehda tiegħu dwar in-ness kawżali.

Wara li qies l-inkonsistenzi kollha fuq elenkati, fid-dawl tat-talba kif impustata u tal-obbligu li kellha s-soċjeta` attriċi li tressaq l-aħjar prova tal-jedd pretiż minnha, u wara li ra wkoll id-dokumenti kollha eżibiti minnha, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li (i) is-soċjeta` attriċi kienet inkarigata mill-konvenut biex tipprovdi l-*parts* għall-*generator*, u wkoll biex tistallahom; (ii) il-prezz miftiehem kien ta` €500, bix-xogħol b'kollox; (iii) is-soċjeta` attriċi wettqet l-inkariġu tagħha u kienet intitolata għall-ħlas sħiħ.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li jiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-tielet eċċezzjoni tiegħu, u konsegwentement jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta` attriċi u jikkundanna

[17] Fol. 15

lill-konvenut iħallasha l-bilanċ ta` ħamsin Ewro (€50), bl-imgħax legali mid-9 ta` Frar 2017[18] sad-data tal-pagament sħiħ effettiv.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**

[18] Data tal-preżentata tar-Risposta tal-konvenut f'din il-kawża fejn irrikonoxxa li seta` kien fadallu jħallas dan il-bilanċ